MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 123/2021 LM

**Mike Service Station Limited (C 5734)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Sam Charles Aquilina (K.I. 85892M)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Mike Service Station Limited (C 5734)** [hawnhekk 'l-appellanta'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], tat-30 ta' Mejju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-ewwel Qorti ddikjarat l-ittra ġudizzjarja numru 1823/2020 nulla u bla effett u rrevokatha. Din l-ittra ġudizzjarja kienet inħarġet mis-soċjetà intimata *ai termini* tal-artikolu

166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 166A (5)(ii) tal-Kap. 12 sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha. Konsegwenza ta’ dan, il-Qorti rrevokat ukoll il-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv bin-numru 792/2021 maħruġ fl-istess ismijiet fis-16 t’April, 2021 in eżekuzzjoni tal-imsemmija ittra uffiċjali.

## Fatti

2. Ir-rikorrent **Sam Charles Aquilina** [hawnhekk ‘l-appellat’] ppreżenta rikors fis-7 ta’ Mejju, 2021 quddiem l-ewwel Qorti, fejn spjega li s-soċjetà intimata kienet ippreżentat ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta fl-ismijiet premessi fil-15 ta’ Settembru, 2020, u li huwa baqa’ ma weġibx għal din l-ittra, bir-riżultat li din ġiet reża eżekuttiva. Qal li sussegwentement, is-soċjetà intimata pproċediet bil-preżentata ta’ mandat ta’ sekwestru eżekuttiv abbażi ta’ din l-ittra uffiċjali, iżda huwa pprevalixxi ruħhu mid-dritt mogħti lilu bl-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12. Ir-rikorrent qal li l-ammont pretiż la huwa ċert, la huwa likwidu, u lanqas huwa dovut, u qal li ma jistax jifhem kif is-soċjetà intimata stabbiliet l-ammont pretiż, stante li ma ġie esebit l-ebda ftehim bejn il-partijiet. Ir-rikorrent qal li għalhekk l-ammont pretiż ġie ffissat arbitrarjament mis-soċjetà intimata, u fin-nuqqas ta’ ftehim espress, il-Qrati tagħna jirritjenu li trid issir proċedura b’rikors sabiex jiġi stabbilit l-ammont dovut. Qal li l-artikolu 166A tal-Kap. 12 jistipula li fl-ittra uffiċjali jrid jiġi ddikjarat b’mod ċar, taħt piena ta’ nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għalfejn it-talba għandha tiġi milqugħa, u d-dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba. Kompla jgħid li filwaqt li s-soċjetà intimata interpellatu biex iħallas is-somma ta’ €3,847.98, rappreżentanti d-danni sofferti minnha

konsegwenza ta' inċident stradali li seħħ fis-27 ta' Novembru, 2019 waqt li huwa kien qiegħed jippresta servizzi ta' irmunkar fuq il-vann bin-numru ta' reġistrazzjoni GRS 414, ir-rikorrent jgħid li ma kienx ċar il-ftehim bejn il-partijiet x'kien. Qal li għalhekk ma jistax jingħad li l-ittra uffiċjali kien fiha dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba, li huwa rekwiżit *ad validitatem,* u għalhekk hemm lok għas-sanzjoni tan-nullità tal-ittra uffiċjali. Ir-rikorrent qal li d-debitur għandu l-obbligu li fl-ittra uffiċjali tiegħu jagħti biżżejjed tagħrif sabiex id-debitur ikun jaf id-dejn dwar xhiex ġie kkuntrattat, u fl-istess ħin jitpoġġa f'sitwazzjoni fejn ikun jista' jiddeċiedi jekk għandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss. Ir-rikorrent qal li għalhekk is-soċjetà intimata kellha tgħid kif kienet qegħda tippretendi ħlas mingħandu, meta bejn il-partijiet ma kien jeżisti l-ebda ftehim jew xi dejn likwidat.

3. Ir-rikorrent qal ukoll li s-subartikolu 3(e) tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 jipprovdi li:

> 'meta t-talba toriġina taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, dik l-ittra uffiċjali għandha taħt piena ta' nullità tiġi wkoll notifikata lill-assigurazzjoni awtorizzata li għandu jkollha l-istess drittijiet taħt dan l-artikolu daqslikieku kienet id-debitur fuq imsemmi'.

Ir-rikorrent għamel riferiment għar-raba' skeda tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregola l-arbitraġġ mandatorju, u qal li din l-iskeda tagħmilha ċara li tilwimiet naxxenti minn inċident awtomobilistiku, għandhom qabel xejn jiġu sindakati miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, u fi kwalunkwe każ kull talba naxxenti taħt l-Ordinanza msemmija li ssir *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 kellha, taħt piena ta' nullità, tiġi notifikata wkoll lill-assigurazzjoni awtorizzata, li għandu

jkollha l-istess drittijiet daqslikieku kienet id-debitur imsemmi, xi ħaġa li f'dan il-każ ma saritx. Permezz tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent talab lill-ewwel Qorti jogħġobha tappunta r-rikors għas-smigħ fi żmien ġimagħtejn, kif ukoll tiddikjara l-ittra uffiċjali numru 1823/2020 fl-ismijiet premessi, nulla għar-raġunijiet spjegati minnu, u konsegwentement tħassar, tirrevoka, tirrexxindi u tannulla t-titolu eżekuttiv miksub mis-soċjetà intimata permezz tal-istess ittra uffiċjali.

4. Flimkien mar-rikors tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 794/2021, kif ukoll kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12.

5. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha, wieġbet li r-rikorrent mhuwiex jikkontesta li huwa ġie notifikat bl-ittra uffiċjali in kwistjoni, u li huwa naqas deliberatament milli jikkontestaha fil-mertu billi sempliċement jippreżenta nota fl-atti tal-istess ittra uffiċjali, mingħajr il-ħtieġa jew l-assistenza ta' avukat, u għalhekk dan ifisser li huwa ssokkomba u aċċetta t-talba kif kontenuta fl-istess ittra uffiċjali. Qalet ukoll li għalhekk l-azzjoni tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex ir-rekwiżiti stipulati fl-artikolu 166A(1), (2) u (3) tal-Kap. 12 ġew osservati kollha, u ma kien hemm l-ebda ħtieġa li tiġi notifikata xi kumpannija tal-assigurazzjoni. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li l-asserzjoni tar-rikorrent li d-dejn mhux wieħed ċert, likwidu u dovut, hija marbuta mal-mertu tat-talba kif misjuba fl-ittra uffiċjali li ġiet reża eżekuttiva wara li r-rikorrent naqas li jwieġeb għaliha fiż-żmien preskritt fil-liġi, u li abbażi tagħha nħareġ il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, għaliex ma jeżisti l-ebda dubju li l-ħtiġijiet legali ġew osservati kollha mis-soċjetà intimata. Qalet ukoll li r-rikorrent qiegħed jabbuża mir-rimedju kkontemplat fl-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12, billi qiegħed

iwessgħu lil hinn mill-iskop li tipprovdi għalih il-liġi bl-intiża li jikkontesta l-mertu tal-ittra uffiċjali msemmija, meta huwa naqas li jikkontesta l-mertu fiż-żmien li tipprovdi għalih il-liġi. Is-soċjetà intimata allegat ukoll li r-rikorrent qiegħed jittenta jqarraq bil-fatti billi jagħti x'jifhem li l-mertu tat-talba huwa wieħed imnissel minn dak li tipprovdi għalih l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, u żiedet tgħid li r-rikorrent jaf li t-talba tagħha avverat ruħha b'konsegwenza ta' danni kkaġunati minnu fuq assi ta' terz, il-klijent tas-soċjetà intimata, waqt il-prestazzjoni ta' servizz ta' irmunkar ta' vettura, li huwa kien qiegħed jipprovdi lill-istess soċjetà intimata. Qalet li għalhekk l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni hija għal kollox inapplikabbli, u l-ebda notifika lil xi assigurazzjoni ma kienet meħtieġa.

**<u>Mertu</u>**

6. Ir-rikorrent **Sam Charles Aquilina** xehed li xogħlu huwa li jipprovdi servizzi ta' *towing* ta' vetturi permezz tar-*recovery truck* tiegħu. Fis-27 ta' Novembru 2019 għal xi s-sebgħa ta' filgħaxija, irċieva telefonata minn wieħed mil-lavranti tas-soċjetà intimata li talbu jagħti s-servizzi tiegħu għaliex kien hemm *truck* wieqaf f'nofs ta' triq, li kien qed jagħlaq it-triq. Ir-rikorrent mar fuq il-post u sab li l-vettura ma setgħetx timxi b'lura. Il-lavrant qallu biex jittowjawh bil-ħabel u jduru l-blokka bih. Meta r-rikorrent staqsa lill-lavrant jekk it-*truck* kellux brejkijiet, dan wieġeb fl-affermattiv. Il-lavrant daħal fil-kabina tat-*truck* sabiex iżomm l-isteering b'idejh, filwaqt li r-rikorrent beda miexi bir-*recovery truck* tiegħu. Jidher li kif daru d-dawra, it-*truck* li kien qed jinġibed baqa' dieħel fuq wara tar-*recovery truck*. It-*truck* li kien qed jinġibed, proprjetà ta' ċertu Ġorġ

Spiteri, sofra diversi ħsarat, però r-rikorrent ma sofra l-ebda ħsara fir-*recovery truck*. Skont ir-rikorrent, meta ġie ffaċċjat bil-kont tal-ispejjeż, ċertu Mike rappreżentant tas-soċjetà intimata talbu n-nofs tas-somma, eskluż il-VAT li kellha tbatih is-soċjetà intimata. Ir-rikorrent però ma qabilx mal-kont għax rah għoli ħafna għax-xogħol li verament kien hemm bżonn li jsir, apparti li insista li ma kienx it-tort tiegħu. Ir-rikorrent ikkonferma illi l-inċident seħħ għax it-*truck* li kien qed jinġibed, li kien qiegħed jiġi direzzjonat minn lavrant tas-soċjetà intimata, ma żammewlux il-brejkijiet.

7. **Anthony Gauci** rappreżentant tas-soċjetà intimata, xehed li l-ispejjeż tat-tiswija tat-*truck* kien ħallashom sidu, ċertu George Spiteri, u l-*ispare parts* u l-affarijiet meħtieġa għat-tiswija nxtraw mingħand ħanut bl-isem 'London Yard' u ħallset għalihom is-soċjetà intimata. Qal  ukoll li r-rikorrent kien qallu li ma kienx jiflaħ iħallas spejjeż, u kien għalhekk li l-partijiet kienu ftehmu li l-ispejjeż jitħallsu bin-nofs. Ix-xhud qal li kienet is-soċjetà intimata li kellha tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati mir-rikorrent fuq vettura ta' terz li kien ħadha għandhom għat-tiswija. Ix-xhud spjega li l-ħsara ġrat waqt li r-rikorrent kien qiegħed jirmonka l-vettura biex iwassalha f'post ieħor. Ix-xhud ikkonferma li huma offrew li r-rikorrent iħallas nofs l-ispejjeż ikkawżati, iżda dan kien qalilhom li ma kienx jiflaħ iħallas, u kien wara li dan ma reġax kellimhom li huma bagħtu l-ittra uffiċjali msemmija.

8. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ir-rikorrent xehed li kienet is-soċjetà intimata li kkuntattjatu sabiex jipprovdilha servizz, u huwa kien ser jagħti dan is-servizz bi pjaċir u mhux bi ħlas. Qal li huwa kellu jiġbed il-vettura li kienet fil-pussess tas-soċjetà intimata bit-*tow truck* tiegħu, sabiex din ma tibqax

f'nofs it-triq, u min kien qiegħed isuq din il-vettura baqa' dieħel fih, imma ma kien hemm l-ebda kolliżjoni ma' terzi. Ir-rikorrent ikkonferma li min-naħa tiegħu huwa rrifjuta li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż għaliex fil-fehma tiegħu anki nofs it-total kien għoli wisq.

## Is-Sentenza Appellata

9. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2022, l-ewwel Qorti ddikjarat nulla u bla effett l-ittra uffiċjali numru 1823/2020 u l-effetti tal-mandat ta' sekwestru numru 792/2021 fl-ismijiet premessi, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Il-liġi***

*8. Skont l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

"Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u dikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta:

(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew
(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ..."

*9. Ir-rikorrent kien qed jinvoka t-tieni subinċiż (ii) tal-Art. 166A(5) billi skont hu l-ammont mitlub ma kienx wieħed ċert, likwidu u dovut, billi l-ittra ma kellhiex dikjarazzjoni ċara tal-fatti u tar-raġunijiet li fuqhom issejset it-talba, billi ma saritx in-notifika mitluba ai termini tal-Art. 166A(3)(e) u billi semmai it-talba kellha tiġi ssindikata miċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ.*

***In-natura ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12***

*10. L-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A hija att ġudizzjarju* sui generis *li għandha konsegwenzi drastiċi u mhijiex sempliċement interpellazzjoni għall-ħlas*

*għaliex fin-nuqqas ta' oppożizzjoni entro t-terminu statutorju ta' tletin ġurnata min-notifika tal-ittra nnifisha ssir titolu eżekuttiv. Huwa għalhekk illi l-leġislatur ħaseb għal numru ta' kriterji tassattivi li għandhom jiġu sodisfatti mill-kreditur fil-ħruġ ta' din l-ittra u dan taħt piena ta' nullità jekk xi waħda minn dawn il-kriterji ma jiġux osservati skrupolożament. Dawn il-kriterji huma:*

1. ***Kriterji Sostantivi***

1. ***Il-kreditu:*** *L-interpellanza trid tkun għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u dovut li ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000). B'eċċezzjoni għal dan il-kriterju, il-kreditur li jkollu dejn li ma jkunx għadu likwidat jista' wkoll jintavola l-pretensjoni tiegħu permezz ta' din l-ittra uffiċjali diment illi jillimita l-pretensjoni għal ammont li ma jeċċedix €25,000 u jirrinunzja b'mod espress għal kull dejn li jeċċedi din is-somma. (fn. 4 Kap. 12, Art. 166A(1))*
2. ***Id-debitur:*** *Id-debitur irid ikun preżenti f'Malta u ma jistax ikun minuri jew persuna li mhux kapaċi skont il-liġi. Id-dejn ma jistax ikun dovut minn eredità ġjaċenti. (fn. 5 Kap. 12, Art. 166A(1))*
3. ***Kontenut tal-ittra:*** *Fl-ittra għandu jiġi dikjarat b'mod ċar ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. (fn. 6 Kap. 12, Art. 166A(2))*

2. ***Kriterji Proċedurali:***

1. ***Il-forma tal-ittra uffiċjali:*** *L-ittra uffiċjali għandha tkun skont il-forma stabbilita mill-Avviż Legali 278 tal-2005 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22) u ċioe fl-ittra nnifisha għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, l-avviż segwenti: "*Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali." *(fn. 7 Kap. 12, Art. 166A(2))*
2. ***Konferma bil-ġurament:*** *L-ittra uffiċjali għandha tkun ikkonfermata bil-ġurament mill-kreditur. (fn. 8 Kap. 12, Art. 166A(2))*
3. ***Notifika tal-ittra:*** *L-ittra uffiċjali għandha tiġi notifikata kif imiss lid-debitur. (fn. 9 Kap. 12, Art. 166A(5)(i))*
4. ***Intimazzjoni lid-debitur:*** *Fl-ittra għandu jkun hemm intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin (30) jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u preżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-*

*ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv." (fn. 10 Kap. 12, Art. 166A(3))*

5. ***L-intimazzjoni ma tridx tkun waħda diġà opposta taħt l-Art. 166A**: meta d-debitur ikun oppona t-talba kif imiss, il-proċedura speċjali li tinsab f'dan l-artikolu ma tistax terġa' tintuża kontra d-debitur għar-rigward tal-istess talba li jkun hemm fl-ittra uffiċjali notifikata lilu. (fn. 11 Kap. 12, Art. 166A(3)(d))*

6. ***Notifika lill-kumpannija tal-assigurazzjoni**: Meta t-talba toriġina taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), dik l-ittra uffiċjali għandha taħt piena ta' nullità tiġi wkoll notifikata lill-assigurazzjoni awtorizzata li għandu jkollha l-istess drittijiet taħt dan l-artikolu daqslikieku kienet id-debitur fuq imsemmi.*

***Il-premessa rikorrenti illi l-ammont pretiż ma kienx wieħed ċert, likwidu u dovut u li l-ittra ma kellhiex dikjarazzjoni ċara tal-fatti u tar-raġunijiet li fuqhom issejset it-talba***

*11. Ir-rikorrent jinsisti li l-ammont mitlub mhuwiex wieħed ċert, likwidu u dovut kif trid il-liġi u minn imkien ma jirriżulta mill-ittra uffiċjali li l-ftehim ta' bejn il-partijiet u minn fejn oriġina l-ammont pretiż. Jgħid ukoll illi din l-ittra ma kellhiex dikjarazzjoni ċara tal-fatti u tar-raġunijiet li fuqhom issejset it-talba.*

*12. Fl-ittra uffiċjali in kwistjoni l-kumpannija intimata intimat lir-rikorrent sabiex iħallasha b'mod immedjat i-ssomma ta' €3,847.98:*

***"rappreżentanti danni sofferti minnha (vide Dok. A) per konsegwenza ta' inċident stradali li seħħ fis-27 ta' Novembru, tas-sena 2019 waqt li int kont qed tippresta servizzi ta' irmunkar fuq vann bin-numru ta' reġistrazzjoni GRS – 414 a favur il-mittenti.***

***Illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba n-nuqqas ta' diliġenza, prudenza u ħsieb u bi traskuraġni, imperizja u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek, kif ukoll nuqqas ta'* proper lookout ..."**

*13. Fid-dokument esebit mal-ittra uffiċjali hemm elenku tal-*ispare parts *li jidhru li ġew mixtrija u li skont il-kumpannija intimata jirrappreżentaw id-danni sofferti minnha.*

*14. Wieħed mir-rekwiżiti regolat taħt l-Art. 166A(2) tal-Kap. 12 huwa dak illi:*

"Fl-ittra għandu jiġi dikjarat b'mod ċar ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba."

*15. Il-Qorti tħoss illi l-ittra uffiċjali għandha mfissra b'mod ċar ir-raġunijiet li għalihom ġiet ippreżentata u l-fatti rilevanti in sostenn tat-talba. Il-liġi ma titlobx illi min jippreżenta l-ittra uffiċjali għandu jidħol f'ħafna dettall. Li jrid jagħmel huwa li jkun ċar biżżejjed fi kliemu sabiex id-debitur jitqiegħed f'pożizzjoni li jkun jaf minn xiex jikkonsisti l-kreditu pretiż sabiex b'hekk ikun jista' jiddefendi ruħhu kif xieraq. Għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa, kif donnu qed jippretendi r-rikorrent, illi jiġi esebit xi ftehim mal-ittra uffiċjali* multo magis *meta s-servizzi reżi mhux bilfors li jkunu ġew prestati bis-saħħa ta' xi skrittura ffirmata bejn il-partijiet.*

*16. Huwa ċar illi l-kumpannija intimata permezz tal-ittra uffiċjali* de quo *talbet mingħand ir-rikorrent il-ħlas ta' ammont preċiż u determinat ta' danni. Il-pretiża tal-intimat hija għall-ammont ċert u likwidu u jekk l-ammont huwiex verament dovut jew le hija xi ħaġa li semmai tista' tirriżulta jekk l-ittra tiġi kontestata skont il-liġi u eventwalment tinfetaħ kawża quddiem il-Qorti.*

***Il-premessa rikorrenti illi ma saritx in-notifika ai termini tal-Art. 166A(3)(e)***

*17. Skont l-art. 166A(3)(e) tal-Kap. 12:*

*"*meta t-talba toriġina taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, dik l-ittra uffiċjali għandha taħt piena ta' nullità tiġi wkoll notifikata lill-assigurazzjoni awtorizzata li għandu jkollha l-istess drittijiet taħt dan l-artikolu daqslikieku kienet id-debitur fuq imsemmi."

*18. Kif jindikaw il-kliem deskrittiv taħt it-titolu tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Ordinanza dwar l-Asigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni), dan l-Att jipprovdi kontra r-riskji ta' terzi persuni minħabba l-użu ta' vetturi bil-mutur. Taħt l-Art. 166A(3)(e) il-leġislatur ried illi f'dawk il-każijiet fejn si tratta ta' inċident jew avveniment li miegħu jiskattaw l-obbligi kuntrattwali ta' kumpannija tal-assigurazzjoni a favur il-*policy holder *jew xi benefiċjarju taħt polza ta' assigurazzjoni jew l-obbligi naxxenti mil-liġi a favur terzi persuni, allura dik il-kumpannija għandha tkun notifikata mill-ewwel bl-ittra daqs li kieku din tkun ġiet diretta kontra d-debitur.*

*19. Fid-dibattitu Parlamentari fil-Plenarja li ppreċeda d-dħul fil-liġi tagħna tal-Art. 166A intqal is-segwenti fuq dan is-subinċiż:*

> *"ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI: Tinsiex li issa qegħdin ngħidu li l-ittra uffiċjali hija bil-ġurament. M'għandniex nitilqu niġru naħsbu li se jsir abbuż minn din il-ħaġa, għax il-verità hija li n-nies, meta jirċievu ittra uffiċjali, speċjalment fil-każ li semmejt ta' ħsara fuq persuna ... (interruzzjonijiet). Hemhekk qegħdin indaħħlu li l-ittra uffiċjali tiġi notifikata lill-assigurazzjoni, jiġifieri għandek dak id-double safeguard. Naħseb li qed nibżgħu ftit fiha u qegħdin nesaġeraw.*

*(Interruzzjonijiet) No, not excluding litigation. Int qed tiġri bil-ħsieb li meta din l-ittra uffiċjali tiġi notifikata lill-parti l-oħra, kulħadd se jħalli 30 ġurnata jgħaddu. Il-punt li kulħadd qabeż hu li l-ittra uffiċjali waħedha mhijiex biżżejjed. L-ittra uffiċjali – u hawnhekk huwa d-due process – meta tibgħatha tiġi notifikata lill-parti l-oħra."*

*20. Il-ħsieb tal-leġislatur wara l-Art. 166A(3)(e) għalhekk kien l-ewwel u qabel kollox illi d-debitur jingħata* ***protezzjoni doppja*** *fis-sens illi jekk l-ittra uffiċjali ma tiġix notifikata lill-kumpannija tal-assigurazzjoni tiegħu, allura huwa jkun jista' jitlob ir-revoka tagħha anke jekk huwa jkun ġie notifikat biha skont il-liġi. Inoltre però l-Qorti tqis illi l-leġislatur kellu l-intenzjoni wkoll li jipproteġi l-interessi tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni tal-vetturi stante illi dawn ġew impoġġija fl-istess żarbun tad-debitur u ġew mogħtija l-istess drittijiet tiegħu. Filfatt kwalunkwe kumpannija tal-assigurazzjoni tal-vetturi illi tiġi ffaċċjata bi* claim *abbażi ta' titolu eżekuttiv maħruġ kontra l-assigurat tagħha taħt l-Art. 166A ikollha d-dritt* inter alia *li titlob ir-revoka tagħha taħt l-Art. 166A(5) jekk jirriżulta illi l-ittra ma tkunx ġiet notifikata lilha.*

*21. Għalhekk il-Qorti tara li tabilħaqq ir-rikorrent għandu raġun jitlob ir-revoka tal-ittra uffiċjali in kwistjoni ġialadarba din ma ġietx notifikata lill-kumpannija tal-assigurazzjoni tiegħu.*

***Il-premessa rikorrenti illi kellha tinfetaħ kawża quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta***

*22. Ir-rikorrent finalment ibbaża r-rikors tiegħu ukoll fuq il-premessa illi t-talba tal-kumpannija intimata kienet tilwima naxxenti minn inċident awtomobilistiku u allura din kellha tiġi sindikata miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta ai termini tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimata saħqet fit-trattazzjoni finali illi f'dan il-każ ma seħħet l-ebda kolliżjoni bejn vetturi. Il-Qorti bid-dovut rispett lejn il-partijiet ma taqbilx mal-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom.*

*23. Qabel xejn huwa ċar minn dak li ħareġ matul ix-xhieda illi dan il-każ irriżulta proprju minħabba li seħħet kolliżjoni bejn it-trakk li kien qed jiġi ttowjat u t-*tow truck *misjuq mir-rikorrent meta tal-ewwel ma żammlux il-brejkijiet u baqa' dieħel fl-istess* tow truck. *Huwa veru illi t-trakk li kien qed jiġi ttowjat ma kienx qiegħed jinstaq fil-proprju sens tal-kelma stante illi l-magna tiegħu kienet mitfija. Madanakollu fl-istess trakk kien hemm preżenti persuna li kienet qed tiggwida l-isteerijng u l-brejkijiet u bħala tali għalhekk għandu jitqies illi seħħet kolliżjoni bejn żewġ vetturi fit-triq. Fi kwalunkwe każ ir-Raba' Skeda tal-Kap. 387 ma jirreferix biss għal kolliżjonijiet bejn vetturi iżda jirreferi wkoll għall-*ħsara volontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi. *M'hemmx dubju għalhekk illi f'każ ta' proċeduri ġudizzjarji r-rikorrent kien ikun tenut*

*jiftaħ kawża fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta u mhux fil-Qrati ordinarji. Li jwassalna għall-punt l-ieħor, dak sollevat mir-rikorrent u ċioe illi l-intimata ma setgħetx tintavola din l-ittra uffiċjali iżda kellha tirreferi l-kawża għall-arbitraġġ mill-ewwel.*

*24. Il-Qorti tqis din is-sottomissjoni infondata. Huwa ovvju illi fejn fir-Raba' Skeda tal-Kap. 387 hemm indikat illi "*It-tilwimiet hawn iżjed 'l isfel imsemmija fit-Taqsima A għandhom jiġu determinati b'arbitraġġ" *il-leġislatur kien qed jirreferi għall-proċeduri ġudizzjarji kontenzjużi fejn ġudikant jiddeċiedi tilwima u mhux għal proċeduri legali mibdija permezz ta' ittra uffiċjali. Tant hu hekk illi l-Art. 166A(5) fuq imsemmi jirreferi huwa stess għal talbiet li joriġinaw taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, kif l-istess jagħmel l-Artikolu 10(8) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***Nullità tal-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża sollevata* ex officio**

*25. Kif ingħad diġà jirriżulta lill-Qorti illi waħda mill-kriterji tassattivi, sewwasew dik illi l-kreditur kellu jinnotifika l-ittra uffiċjali lill-kumpannija tal-assigurazzjoni tad-debitur, ma ġietx sodisfatta mill-kreditur ossia mill-intimat nomine fil-ħruġ tal-ittra uffiċjali in kwistjoni u għalhekk din hija nulla u sejra tiġi revokata mill-Qorti.*

*26. Il-Qorti però ma tistax tieqaf hawn. Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet:* ***<u>Carmelo Bianco sive Charles għan-nom tas-soċjetà Western Company v. Terence Farrugia</u>*** *(ECLI: MT: CIV: 2018: 113355, Maġistrat Rachel Montebello, deċiża fis-26 ta' Settembru, 2018):*

"Kif inhuwa paċifiku fl-ordinament ġuridiku taħgna, il-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubbliku u bħala tali r-regoli proċedurali jeħtieġu li jiġu osservati rigorożament ... F'kull każ, billi l-eċċezzjoni (ta' nullità) hija waħda ta' ordni pubbliku, in-nullità ta' att ġudizzjarju jista' jiġi sollevat ex officio mill-qorti nnifisha u dan, f'kull każ, oltre għas-setgħa ta' din il-Qorti ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12."

*27. Minn eżami tal-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża jirriżulta lill-Qorti illi din ma tissodisfax il-kriterju tassattiv tal-intestatura speċifika maħsuba taħt l-Art. 166A(2) u l-Avviż Legali 278 tal-2005. Filfatt fl-avviż taħt l-intestatura tal-Qorti huma nieqsa l-kliem "*Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali." *Ma kienx biżżejjed l-avviż lir-rikorrent illi l-ittra tiġi reża eżekuttiva f'każ illi ma jweġibx fi żmien tletin ġurnata jew li huwa seta' jippreżenta n-nota risponsiva huwa stess mingħajr il-ħtieġa ta' avukat jew prokuratur legali. L-intimazzjoni speċifika rikjesta mil-leġislatura hija kruċjali u warajha hemm il-ħsieb illi l-persuna li tirċievi l-ittra uffiċjali tintebaħ, jekk hemm bżonn b'ċertu allarm, illi l-ittra li għandha f'idejha mhijiex ittra komuni, imma hija ittra li jeħtieġ li* ***<u>biha tmur minnufih għand</u>***

***professjonist legali sabiex jieħu l-parir meħtieġ*** *u tittieħed l-azzjoni meħtieġa. Dan jiswa irrispettivament mill-fatt illi r-rikorrent* ex admissis *ma jafx jaqra.*

*28. Għalhekk il-Qorti hija fid-dmir li apparti li tilqa' t-talba tar-rikorrent għad-dikjarazzjoni ta' nullità tal-ittra uffiċjali fuq il-bażi li din ma ġietx notifikata lill-kumpannija tal-assigurazzjoni tiegħu, tqajjem ukoll* ex officio *n-nullità tal-istess ittra fuq il-bażi illi ma kinitx tissodisfa l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikolu (2) tal-Art. 166A u fl-Avviż Legali 278 tal-2005.*

*29. Huwa irrilevanti, u l-Qorti m'għandhiex toqgħod tindaga f'dan ir-rigward, jekk effettivament id-debitur, ossia r-rikorrenti, sofriex xi preġudizzju bin-nuqqas tal-intimazzjoni lilu rikjesta mil-liġi u dan għaliex il-kriterji fuq imsemmija huma tassattivi u għandhom jiġu osservati b'mod skrupoluż tenut kont il-konsegwenzi legali li ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A iġġib magħha f'każ li ma tiġix kontestata fit-terminu preskritt mil-liġi.*

*30. Ġaladarba din l-intimazzjoni hija mankanti fl-ittra uffiċjali* de quo *l-Qorti m'għandhiex għażla ħlief illi tiddikjara n-nullità tagħha u tirrevokaha għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

*31. Fl-aħħar nett il-Qorti tara li r-rikorrent talab ukoll apparti r-rexissjoni tal-ittra uffiċjali* de quo, *ir-rexissjoni tat-*"titolu eżekuttiv miksub mill-mittenti permezz tal-istess ittra uffiċjali". *Jidher li dak li kellu f'moħħu r-rikorrent hawnhekk kien illi jitlob lill-Qorti tirrexxindi* ***l-att eżekuttiv*** *(konsistenti f'mandat eżekuttiv) bin-numru 792/2021, liema mandat hemm kopja tiegħu a fol. 6 u 10 tal-proċess, maħruġ abbażi tat-****titolu eżekuttiv*** *in kwistjoni (konsistenti fl-ittra uffiċjali in kwistjoni li ġiet reża eżekuttiva). Fiċ-ċirkostanzi, minkejja d-diċitura xejn feliċi li ntużat, il-Qorti tara li kemm fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u kemm għaliex hija għandha d-diskrezzjoni li tagħmel hekk (anke bis-saħħa tal-Art. 213 tal-Kap. 12), hija għandha tirrexxindi l-mandat eżekuttiv maħruġ abbażi tal-ittra uffiċjali mertu ta' dan ir-rikors ġaladarba jirriżultalha illi t-titolu eżekuttiv huwa wieħed null.*

***Deċiżjoni***

***32. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u ċioe:***

1. ***tiddikjara nulla u bla effett u tirrevoka l-ittra ġudizzjarja bin-numru 1823/2020 fl-ismijiet premessi maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan ai termini tal-Art. 166A(5)(ii) tal-istess kapitolu, u***
2. ***tiddikjara nulla u bla effett u tirrevoka wkoll il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 792/2021 maħruġ fl-istess ismijiet fis-16 ta' April, 2021 in eżekuzzjoni tal-istess ittra uffiċjali.***

***Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija intimata.***

## L-Appell

10. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha mis-sentenza appellata fit-30 ta' Ġunju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Mejju, 2022 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż tal-proċeduri ġudizzjarji kollha kontra l-appellat.

11. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija intavolat ittra uffiċjali (1823/2020) *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 kontra l-appellat, u din ġiet notifikata lilu fis-7 ta' Ottubru, 2020. L-appellat għażel li ma jweġibx għal din l-ittra uffiċjali, u meta mistoqsi dwar ir-raġuni għal dan, wieġeb li qisu ma tax kasha. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk l-ittra uffiċjali tagħha ġiet reża eżekuttiva, u fis-16 ta' April, 2021 hija intavolat mandat ta' sekwestru kontra l-appellat għaliex huwa baqa' inadempjenti u moruż fil-ħlas ta' ammont li huwa ċert, likwidu u dovut. Qalet ukoll li fis-7 ta' Mejju, 2021, l-appellat intavola rikors *ai termini* tal-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12, fejn talab lill-ewwel Qorti tappunta r-rikors għas-smigħ fi żmien ġimagħtejn, u tiddikjara li l-ittra uffiċjali hija nulla stante li l-ammont pretiż mhux likwidu, ċert u dovut, kif ukoll għaliex in-notifika ma saritx bil-mod stipulat fil-liġi. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti għaliex l-ittra uffiċjali ma kinitx teħtieġ li tiġi notifikata lill-assigurazzjoni għaliex it-talba tagħha ma toriġinax mill-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, kif ukoll għaliex l-ittra uffiċjali ma kellha l-ebda difett fil-forma tagħha, u l-appellat ma sofra l-ebda preġudizzju minħabba l-forma użata.

12. Is-soċjetà appellanta spjegat li t-talba tagħha fl-ittra uffiċjali in kwistjoni, tirrappreżenta danni li hija ġarbet fil-konfront ta’ sid il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni GRS-414, minħabba n-nuqqas u n-negliġenza tal-appellat fil-qadi ta’ dmirijietu, u waqt li din il-vettura kienet fdata fil-pussess tas-soċjetà appellanta biex isirulha tiswijiet, l-istess appellanta fdat il-pussess ta’ din il-vettura lill-appellat sabiex dan jipprovdi servizz ta’ irmunkar lis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li r-relazzjoni bejnha u l-appellat mhijiex dik ta’ żewġ persuni li kienu involuti f’inċident tat-traffiku bil-vetturi rispettivi tagħhom, iżda bejn persuna li inkarigat persuna oħra sabiex tagħtieha servizz, u kien waqt l-ipprestar ta’ dak is-servizz li l-persuna li talbet is-servizz ġarrbet danni fil-konfront ta’ terz, u dan minħabba nuqqasijiet tal-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li t-talba għall-ħlas tad-danni ma saritx minn sid il-vettura li sofriet il-ħsara għaliex kienet involuta f’inċident tat-traffiku, tant hu hekk li l-ħsara fuq il-vettura ma ġietx imġarrba waqt li l-appellat kien qiegħed isuqha, iżda waqt li kienet fdata fil-pussess tiegħu sabiex tiġi irmunkata minnu. Is-soċjetà appellanta qalet li dan seħħ meta l-vettura li kien qed isuq l-appellat stess u l-vettura li kellha tiġi rmunkata, daħlu f’xulxin b’negliġenza u traskuraġni tal-appellat. Żiedet tgħid li kien għalhekk li ma kienx hemm il-ħtieġa li tiġi notifikata l-assigurazzjoni awtorizzata, għaliex it-talba ma toriġinax taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta’ Terzi Persuni, iżda tirrigwarda responsabbilità li toħroġ mill-provvista ta’ servizz mill-appellat lis-soċjetà appellanta.

13. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li tul il-kors tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, l-appellat ma pprovda l-ebda informazzjoni dwar l-assigurazzjoni tal-vettura, xi tkopri din il-polza, u kwalunkwe prova li l-vettura tiegħu hija

koperta b'polza tal-assigurazzjoni minn xi kumpannija assiguratriċi, li tkopri lill-appellat f'istanzi fejn huwa jikkaġuna ħsara waqt il-prestazzjoni tas-servizz tiegħu, inkluż fuq vetturi li huwa stess ikun qiegħed jirmonka. Qalet li l-appellat mhux talli ma pprovax li huwa kopert b'polza tal-assigurazzjoni, talli naqas milli jipprovdi xi indikazzjoni li huwa qeda dmirijietu kif indikat fil-*proviso* għall-artikolu 166A(1) tal-Kap. 12, u għalhekk kien kopert bl-assigurazzjoni (jekk hemm) jew li huwa kellu interess li jkun kopert b'tali polza. Is-soċjetà appellanta qalet li dan id-dmir huwa indikat ukoll fl-artikolu 10 tal-Kap. 104, li jgħid li n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn id-disposizzjonijiet, iwasslu għall-ħelsien tal-obbligu tas-soċjetà assiguratriċi li tkopri lill-assigurat tagħha f'każ li dan jonqos minn tali dmir. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li ser jiskattaw l-obbligi kuntrattwali ta' kumpannija tal-assigurazzjoni favur il-*policy holder* jew xi benefiċjarju taħt il-polza ta' assigurazzjoni jew l-obbligi naxxenti mil-liġi favur terzi persuni, meta bl-ebda mod ma ġie indikat li teżisti xi polza tal-assigurazzjoni bħal din, jew li l-appellat ħares l-obbligi tiegħu li jinforma lis-soċjetà assiguratriċi sabiex ikun hekk kopert. Is-soċjetà appellanta staqsiet ukoll jekk l-appellat jistax jgħid li sofra xi preġudizzju in vista ta' dawn in-nuqqasijiet.

14. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li l-ittra uffiċjali ma kellha l-ebda difett fil-forma tagħha, u għalhekk l-appellat ma sofra l-ebda preġudizzju minħabba l-format użat. Is-soċjetà appellanta qalet li meta l-appellat irċieva l-ittra uffiċjali, huwa kellu fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jifhem il-kontenut tagħha, x'azzjoni kellu jieħu sabiex jikkontesta l-kontenut tal-ittra uffiċjali jew parti minnha, u ġie spjegat lilu x'konsegwenzi kien hemm fin-nuqqas ta' oppożizzjoni min-naħa tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li hija

spjegat bl-aktar mod ċar ir-raġuni li fuqha kienet qiegħda ssejjes it-talba tagħha, ir-raġunijiet għalfejn it-talba tagħha għandha tintlaqa', u pprovdiet dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba tagħha, kif indikat l-ewwel Qorti stess. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal sentenza fl-ismijiet **Melita plc *vs.* Jody Pisani**[1], fejn ingħad li ladarba min irċieva l-ittra uffiċjali ma kienx ippreġudikat bil-forma użata fl-ittra uffiċjali, l-ittra uffiċjali ma tistax titqies li hija nulla jew mingħajr effett. Is-soċjetà appellanta saħqet li ladarba jirriżulta li l-appellat bl-ebda mod ma kien ippreġudikat fil-pożizzjoni tiegħu biex jikkontesta t-talba tas-soċjetà appellanta, speċjalment meta wieħed iqis li kien jaf li din kienet ittra uffiċjali u huwa għażel li ma jagħtix kasha. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat la fir-rikors tiegħu u lanqas fil-mori ta' dawn il-proċeduri ma spjega għal liema raġuni huwa naqas milli jwieġeb għall-ittra uffiċjali in kwistjoni, jew spjega xi preġudizzju ġie soffert minnu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

15. Fir-risposta tiegħu l-appellat qal li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma, u qal li huwa jaqbel pjenament mar-raġunament tal-ewwel Qorti meta din ikkonsidrat li bl-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12, il-leġislatur ried li f'dawk il-każijiet fejn si tratta ta' inċident jew avveniment li miegħu jiskattaw l-obbligi kuntrattwali ta' kumpannija tal-assigurazzjoni favur il-*policy holder* jew xi benefiċjarju taħt il-polza tal-assigurazzjoni, jew l-obbligi naxxenti mil-liġi favur terzi, dik il-kumpannija għandha tkun notifikata mill-ewwel bl-ittra uffiċjali daqslikieku din tkun ġiet diretta kontriha bħala d-debitur. Qal li l-artikolu

[1] App. Inf., 22.09.2021.

166A(3) tal-Kap. 12 jipprovdi li meta t-talba toriġina taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, dik l-ittra uffiċjali għandha, taħt piena ta' nullità, tiġi notifikata wkoll lill-assigurazzjoni awtorizzata, li għandu jkollha l-istess drittijiet taħt dan l-artikolu daqslikieku kienet id-debitur. L-appellat qal li ladarba ġie stabbilit li l-mertu tal-ittra uffiċjali in kwistjoni kienu danni naxxenti minn ħsara involontarja fuq vettura bil-mutur, l-kreditur kien mistenni li jinnotifika lis-soċjetà assiguratriċi tad-debitur, u ladarba ġie ammess li l-kwistjoni hija waħda ta' ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi vetturi, l-ittra kellha taħt piena ta' nullità, tiġi notifikata lill-assigurazzjoni awtorizzata, li għandu jkollha l-istess drittijiet bħad-debitur appellat, xi ħaġa li f'dan il-każ ma saritx.

16. L-appellat qal li l-artikolu 10 tal-Kap. 104 iċċitat mis-soċjetà appellanta ma jpoġġi l-ebda obbligu fuq l-assigurat li jinforma lill-assiguratur tiegħu b'xi titolu eżekuttiv li jista' jimmaterjalizza. Qal li anke jekk din l-interpretazzjoni tal-liġi hija żbaljata, l-effett ta' xi nuqqas da parti tal-assigurat li javża lill-assikuratriċi huwa li jitlef il-kopertura tal-assigurazzjoni, u mhux li jinħeles il-kreditur minn xi obbligu ieħor li timponi fuqu xi liġi jew oħra. L-appellat qal li dak allegat mis-soċjetà appellanta m'hu xejn għajr allegazzjoni, u dan għaliex m'hemm l-ebda prova li huwa fattwalment naqas milli jinnotifika lill-assigurazzjoni taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12. Qal ukoll li s-soċjetà appellanta ma tistax tipponta subgħajha lejn xi allegat nuqqas da parti tiegħu, u tiskarta l-obbligi tagħha kif naxxenti mill-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12. Żied jgħid li kien x'kien l-allegat nuqqas tiegħu, is-soċjetà appellanta kellha l-obbligi tagħha wkoll, għaliex huwa l-kreditur li kellu jinnotifika lis-soċjetà assiguratriċi tad-debitur. Qal ukoll li l-liġi imkien ma tipprovdi li d-debitur għandu jġib xi forma ta' prova dwar l-assikurazzjoni tiegħu

sabiex jiġi esegwit l-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12, jew li fin-nuqqas ta' prova ta' eżistenza o meno ta' polza ta' assigurazzjoni l-kreditur, ikun skużat minn xi rekwiżit taħt dan l-artikolu.

17. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li fil-każ iċċitat mis-soċjetà appellanta **Melita plc *vs.* Jody Pisani**, il-kwistjoni kienet differenti minn dik odjerna, għaliex l-ilment ta' Jody Pisani kien li l-avviż użat fl-ittra uffiċjali, jiġifieri li huwa fl-interess ta' min jirċievi l-avviż li jkellem Avukat jew Prokuratur Legali, jikkonfliġġi mal-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12, fejn jeħtieġ li jiġi indikat li wieħed jista' jippreżenta r-risposta tiegħu mingħajr il-ħtieġa ta' avukat jew prokuratur legali. Qal li l-fatt li debitur jiġi infurmat li huwa fl-interess tiegħu li jkellem avukat jew prokuratur legali, għandu l-funzjoni li jinforma lid-debitur dwar is-serjetà tal-kwistjoni u mhijiex qegħda tneħħi xi informazzjoni essenzjali li għandu jkun avżat biha l-istess debitur. L-appellat qal li f'dan l-appell, l-appellant qiegħed jargumenta li l-appellat irċieva ittra uffiċjali u ngħata l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jifhem il-kontenut tal-ittra, u x'azzjoni kellu jieħu sabiex jikkontesta l-kontenut tal-ittra jew parti minnha. Qal li però huwa evidenti li l-avviż użat ma jsegwix il-forma stabbilita fil-liġi sussidjarja 12.22, għaliex l-avviż li "huwa fl-interess tad-debitur li jkellem Avukat jew Prokuratur Legali" huwa kompletament nieqes. Qal ukoll li d-differenzi bejn dak rikjest taħt l-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 u dak rikjest taħt ir-Regolament 2 tal-Liġi Sussidjarja 12.22, ma joħloqx kunflitt bejn dawn iż-żewġ regolamenti. Wieħed jista' jispjega dan billi jgħid li filwaqt li huwa dejjem fl-interess tad-debitur li jkellem avukat jew prokuratur legali biex jassistih wara li jirċievi att ġudizzjarju, b'terminu qasir li fih għandu jwieġeb, xejn ma jwaqqaf lid-debitur milli jippreżenta l-oppożizzjoni huwa stess. L-appellat qal li huwa għalhekk li r-

regolament 2 tal-L.S. 12.22 u l-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 għandhom jiġu mħarsa flimkien, u filwaqt li taħt l-intestatura tal-qorti l-avviż skont ir-regolament 2 tal-L.S. 12.22 għandu jiġi indikat 'b'ittri ċari u preċiżi', l-elementi msemmija fl-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom, taħt piena ta' nullità, jissemmew bħala intimazzjoni lid-debitur fl-istess ittra uffiċjali. Fil-każ odjern, kompla jgħid l-appellat, ir-rekwiżit *ai termini* tar-regolament 2 tal-L.S. 12.22 huwa kompletament nieqes, u għalhekk is-soċjetà appellanta ma tistax tgħid li huwa ma ġiex ippreġudikat fil-pożizzjoni tiegħu biex jikkontesta t-talbiet tagħha. L-appellat qal li l-intimazzjoni speċifika rikjesta mil-leġislatur hija kruċjali, u warajha hemm il-ħsieb li persuna li tirċievi l-ittra uffiċjali tinduna li l-ittra f'idejha mhijiex waħda komuni, imma li għandha bżonn tmur għand avukat jew prokuratur legali sabiex tieħu l-pariri meħtieġa u tieħu l-azzjoni neċessarja.

18. L-appellat qal li din in-nullità temerġi *ex lege,* u ma tagħtix lok għal diskrezzjoni, u fejn il-liġi stess tirrikjedi formalitajiet taħt piena ta' nullità, m'hemmx għażla ħlief li tiġi applikata s-sanzjoni tan-nullità, u din il-kwistjoni mhijiex waħda sanabbli taħt il-liġi tal-proċedura.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Is-soċjetà appellanta tinsisti li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta fis-sentenza tagħha li l-ittra uffiċjali mibgħuta minnha *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 u l-

konsegwenti att eżekuttiv li segwa din l-ittra, huma nulli u għalhekk għandhom jiġu rrevokati.

*L-ewwel aggravju:* *[Id-dannu ma jaqax taħt il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li s-soċjetà assiguratriċi tiġi notifikata]*

20. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-ewwel Qorti għamlet konsiderazzjoni żbaljata meta bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-premessa li d-danni sofferti fuq il-vettura tat-terz, liema danni għamlet tajjeb għalihom is-soċjetà appellanta, jaqgħu taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni. Dan għaliex l-inċident li ta lok għad-danni in kwistjoni ma kienx inċident stradali awtomobilistiku bħal kolliżjonijiet oħrajn. Qalet li dan kien inċident li ġie kkawżat minħabba n-negliġenza tal-appellat waqt li kien qiegħed jippresta servizz ta' irmunkar ta' vettura ta' terz, u għalhekk hija ma kellha l-ebda obbligu li tinnotifika lis-soċjetà assiguratriċi bil-pretensjonijiet tagħha. Qalet ukoll li l-appellat naqas milli jinfurmaha jekk huwa kienx beħsiebu jinvolvi lis-soċjetà assiguratriċi tiegħu, u ma pprovda l-ebda informazzjoni dwar il-kumpannija li huwa assigurat magħha. Is-socjetà appellanta tgħid ukoll li l-appellat naqas milli jonora l-obbligi tiegħu taħt l-artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk għandu jirriżulta li l-appellat naqas ukoll fil-konfront tal-kumpannija li huwa assigurat magħha.

21. Il-Qorti tirrileva li l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li l-applikazzjoni tiegħu testendi għal kull inċident ikkawżat minn vetturi bil-mutur, li għandhom ikunu koperti b'polza tal-assigurazzjoni qabel jinħarġu fit-triq. It-terminu *'driver'*

fl-Att imbagħad huwa maħsub biex ikopri kull persuna li jkollha kontroll tar-rota tal-isteering tal-vettura, u s-sewqan ta' vettura jinkludi wkoll il-kontroll tal-isteering tagħha. Fil-każ odjern jirriżulta li lavrant tas-soċjetà appellanta kien qiegħed għalhekk 'isuq' il-vettura tat-terz, għaliex sakemm din ġiet irmunkata mill-appellat, kien il-lavrant tas-soċjetà appellanta li kellu l-kontroll tar-rota tal-isteering, anki jekk il-magna tagħha kienet mitfija. Il-Qorti mhijiex konvinta minn din is-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta li id-dannu kkawżat mhuwiex kopert mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 104, jew li dan huwa dannu li għandu jwieġeb għalih l-appellat bħala persuna li kienet qegħda tippresta servizz, u għalhekk dannu kkawżat waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu. Il-Kap. 104 imkien ma jgħid li danni kkawżati minħabba ħsara involontarja, kif bla dubju ġara fil-każ odjern, mhumiex koperti bil-Kap. 104. Anki jekk l-appellat naqas milli jindika li huwa kien beħsiebu jinvolvi lis-soċjetà assiguratriċi tiegħu, jew li huwa kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni għal eventwalitajiet bħal dawn, il-fatt jibqa' li s-soċjetà appellanta, kellha l-obbligu mpost fuqha bl-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12, li tinnotifika wkoll lis-soċjetà assiguratriċi tal-appellat bl-ittra uffiċjali mibgħuta minnha. L-ewwel Qorti spjegat li dan kien meħtieġ li jsir sabiex l-ittra uffiċjali tkun valida anki għall-protezzjoni tad-debitur, li jista' jitlob ir-revoka tal-ittra uffiċjali jekk din ma tiġix notifikata lis-soċjetà assiguratriċi tiegħu.

22. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-osservazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti, li f'każijiet bħal dawn il-leġislatur ried li fejn jistgħu jiskattaw l-obbligi kuntrattwali ta' xi kumpannija tal-assigurazzjoni favur il-*policy holder* jew xi benefiċjarju taħt il-polza, il-kumpannija tal-assigurazzjoni għandha tkun notifikata bl-ittra uffiċjali mill-ewwel. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern seħħet kolliżjoni bejn il-vettura tat-terz, li r-rota tal-isteering tagħha kienet

ikkontrollata minn lavrant tas-soċjetà appellanta u t-*tow truck* tal-appellat, u għalhekk dan it-tip ta' inċident jikkwalifika bħala inċident stradali jew kolliżjoni bejn żewġ vetturi bil-mutur, liema ċirkostanzi jinkwadraw taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti għalhekk sejra tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li fil-każ odjern l-ittra uffiċjali mertu ta' dawn il-proċeduri għandha tiġi revokata stante in-nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12, li jimponi l-piena tan-nullità f'każ li n-notifika ma ssirx kif hemmhekk stipulat. Ittra uffiċjali maħruġa taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12, għandha tiġi nnotifikata lis-soċjetà assiguratriċi tad-debitur, anki fejn isseħħ ħsara involontarja fuq il-vetturi. Il-Qorti tirrileva wkoll li n-nuqqas tal-appellat li jindika jekk kienx beħsiebu jinvolvi lis-soċjetà assiguratriċi tiegħu, bl-ebda mod ma jiskolpa n-nuqqasijiet tas-soċjetà appellanta, u lanqas ma jissana dawn in-nuqqasijiet. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[difett proċedurali fil-forma]*

23. Is-soċjetà appellanta ssostni li ma kien hemm l-ebda difett fil-forma tal-ittra uffiċjali mibgħuta minnha, u din kellha l-informazzjoni meħtieġa biex l-appellat seta' jifhem il-kontenut tal-ittra u l-konsegwenzi f'każ li huwa jonqos milli jwieġeb għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi. Qalet ukoll li l-appellat baqa' ma qalx għal liema raġuni huwa naqas milli jwieġeb għall-ittra uffiċjali.

24. L-ewwel Qorti ddeċidiet li l-mittent tal-ittra uffiċjali kellu josserva d-disposizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22, senjatament ir-Regolament

2 ta' din il-Leġislazzjoni Sussidjarja, liema avviż tħalla barra fl-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta tisħaq li ladarba ma jirriżultax li l-appellat ġie ppreġudikat b'dan in-nuqqas fil-forma, l-ewwel Qorti ma kellhiex tinvoka dan in-nuqqas sabiex tannulla l-ittra uffiċjali u l-effetti kollha tagħha. Ir-Regolament 2 ta' din il-Leġislazzjoni Sussidjarja fil-fatt jipprovdi li:

> "F'kull ittra uffiċjali skont it-termini tal-artikolu 166A għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan l-avviż li ġej:
>
> 'Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."

25. Minflok din l-intestatura, is-soċjetà appellanta fl-ittra uffiċjali tagħha, inkludiet l-intestatura stipulata fl-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12. Id-differenza bejn iż-żewġ intestaturi hija li, filwaqt li l-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 jgħid li n-nota respintiva tista' ssir u tiġi ffirmata mid-debitur stess, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22 tipprovdi li wieħed għandu jfittex l-assistenza ta' avukat jew prokuratur legali minħabba fil-konsegwenzi li jista' jġarrab jekk ma jirrispondix għall-ittra uffiċjali. Fl-aħjar ipotesi, iż-żewġ intestaturi jridu jiġu inklużi, għaliex il-liġi ġenerali, bit-test stipulat fiha, ma tissuġġerix l-urġenza li wieħed ifittex l-għajnuna ta' avukat jew prokuratur legali sabiex jilqa' għat-talbiet li jkunu qegħdin isiru kontrih. Fis-sentenza ċċitata mis-soċjetà appellanta fl-ismijiet **Melita plc *vs* Jodie Pisani**[2], l-ittra uffiċjali kienet qegħda tiġi attakkata għaliex filwaqt li kienet tinkludi t-test stipulat fir-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22, tħalliet barra l-intestatura stipulata fl-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12, u l-Qorti hemmhekk argumentat li '*il più comprende il meno*', u seta'

[2] Ċitata *supra.*

jingħad biss li tħalliet barra formalità partikolari, li iżda ma tnaqqas xejn minn dak li tipprovdi għalih il-Leġislazzjoni Sussidjarja. Imma fil-każ odjern l-appellat ma ġiex infurmat bl-urġenza li jfittex għajnuna professjonali, u ġie nfurmat biss li f'każ li ried jirrespinġi l-pretensjonijiet tal-appellanta, seta' jagħmel dan huwa stess, mingħajr il-ħtieġa li jirrikorri għand avukat jew prokuratur legali. Il-fatt li l-appellat ma rrikorriex għand avukat jew prokuratur legali, ma jistax jingħad li dan ma kienx ta' preġudizzju għalih, għaliex fil-fatt jirriżulta li kif għadda t-terminu li tipprovdi għalih il-liġi għar-risposta, is-soċjetà appellanta pproċediet bil-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv, u kien hawn li l-appellat fittex l-għajnuna ta' avukat jew prokuratur legali. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**